**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 240/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**COLIN STAPLEY**

**Illum, 1 ta’ Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi **COLIN STAPELY** ta’ 36 sena, iben iben Frederick u Agnes nee' Galdes li twieled ġewwa Pieta' nhar is-17 T’Ottubru, 1985, idikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 166, Casa Vilhena, Triq il-Wied, Iklin u detentur tal-karta ta' l-identita 524685M.

Ġie akkużat talli nhar il-15 ta’ Marzu, 2022 għal ħabta ta' l-10 ta’ filgħaxija u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Mosta, Iklin u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer :-

1. Ikkaguna lil omm uliedu u martu **Ritienne Farrugia**, fastidju meta ġab ruħu b’mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza ta’ l-imsemmi minuri u li twettaq ripetutament ;

2. Ikkaġuna lil omm uliedu u martu u ċioe' Ritienne Farrugia, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza ta' l-imsemmi minuri, tali fastidju sar b'mod li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u li twettaq ripetutament.

U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostani b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Ritienne Farrugia, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Ritienne Farrugia jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Ritienne Farrugia jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Colin Stapley billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Colin Stapley b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-

ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' **Ritienne Farrugia** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Colin Stapley** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Colin Stapley** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap  tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra u jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami, iwieġeb li huwa ħati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u tatu biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghar-reati li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat li gie mixli bih.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali netta tiegħu. Madanakollu, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi r-reati li dwarhom ammetta l-ħtija tiegħu – partikolarment ir-reat ta' fastidju addebitat fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet - huma reati serji li jfixklu t-trankwillita' tal-ħajja kwotidjana tal-vittma u jikkaġunaw dwejjaq u ansjeta'. Hija rat l-atti, fosthom il-verżjoni tal-parti offiża Ritienne Farrugia riprodotta fir-rapport tal-Pulizija[1] u semgħet ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet u fehmet illi in segwitu għat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet u s-separazzjoni legali bejniethom, l-imputat beda jagħtiha fastidju u dan billi jċempillha u jibgħat messaġġi kontinwament u b'mod persistenti, b'mod partikolari waqt li jkun qed jeżerċita l-aċċess tiegħu għal ulied il-minuri tal-partijiet. Jirriżulta wkoll, kif del resto ġie ammess mill-imputat innifsu, li huwa kien isegwi lil martu anke bil-moħbi kif ukoll jidħol kontra l-volonta' tagħha fir-residenza u fil-vettura tagħha u jfittex fi ħwejjiġha.

Għalkemm il-Qorti tifhem li dan l-aġir kriminuż seta' kien dovut għal rabja jew diffikolatjiet emozzjonali jew psikoloġiċi li xi kultant isegwu t-terminazzjoni ta' relazzjoni bejn koppja, *multo magis* bejn koppja li kienet miżżewġa u li għandhom tfal in komun, b'daqshekk ma tistax tissanzjonah: għall-kuntrarju, taghmilha ċar bl-iktar

[1] Fol. 4 *et seq.*

mod vociferu li l-fastidju ta' kull xorta u ghal kwalsiasi raguni, jammonta għal vjolenza morali u huwa kundannabbli ikunu xi jkunu c-cirkostanzi.

Madanakollu, minn ħarsa lejn l-atti għall-Qorti huwa evidenti mhux biss li l-imputat għandu bżonn jingħata l-għajnuna biex jindirizza l-emozzjonijiet li għandu lejn martu u jamministra b'mod iktar efficjenti id-diffikoltajiet li jista' jirriskontra fir-rigward, iżda wkoll li jeħtieġ li l-aġir tiegħu jiġi kkontrollat permezz ta' xi xorta ta' superviżjoni biex jiġi assigurat li huwa ma jkomplix b'dan l-aġir persistenti u fastidjuż – li kif ingħad jikkostitwixxi reat kriminali - u jevita li jaqbad it-triq tal-kriminalita'.

Temmen għalhekk illi fic-cirkostanzi l-imputat huwa kandidat idoneu ghal sanzjoni fil-komunita` u jista' jislet beneficcju sostanzjali minn gwida strutturata biex jindirizza l-problemi ta' nuqqas ta' kontroll fuq l-emozzjonijiet tieghu u kif ukoll sabiex, tenut in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tieghu, jaghraf li jzomm 'il boghod minn kondotta negattiva u kriminuza li tista' twassal ghall-ghemil ta' reati ohra.

Ghaldaqstant, fil-qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi tal-kaz inkluz il-karattru tal-imputat, m'hijiex piena karcerarja, izda hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat, **b'emfasi partikolari fuq sorveljanza u għajnuna f'dak li jikkonċerna l-aspett tal-kontroll tal-emozzjonijiet tiegħu inkluż rabja fil-konfront ta' martu Ritienne Farrugia**.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202(h), 251A, 251AA, 251Ċ, 251H, 251HA u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda fuq ammissjoni ssib lil COLIN STAPELY ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tliet (3) snin u għall-finijiet tat-tielet imputazzjoni, tikkundannah multa ta' tliet mitt Euro (€300).**

**Għall-fini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446, il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat originali, u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordni.**

**Billi tqis li huwa meħtieg u spedjenti sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Ritienne Farrugia, qiegħda b'zieda mal-piena, tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess COLIN STAPLEY a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal zmien tliet (3) snin mil-lum u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet oħrajn elenkati fid-digrieti mogħtija kontestwalment.**

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi ma ġewx maħturin esperti jew periti fil-proċeduri.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT**